

Brussell, 3 ta' Jannar 2023
(OR. en)

15341/22
PV CONS 73
EDUC 408
JEUN 179
CULT 125
AUDIO 126
SPORT 50

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport)
28 u 29 ta' Novembru 2022

WERREJ

Pàgna

1.	Adozzjoni tal-aġenda	4
2.	Approvazzjoni tal-punti "A"	4
	a) Lista mhux leġiżlattiva	
	b) Lista leġiżlattiva	

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

EDUKAZZJONI

3.	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola	5
4.	Konklużjonijiet dwar l-appoġġ għall-benesseri fl-edukazzjoni diġitali	5
5.	Iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni fi żminijiet ta' aggressjoni Russa fl-Ukrajna	6

ŻGĦAŻAGĦ

6.	Konklużjonijiet dwar il-promozzjoni tad-dimensjoni interġenerazzjonali fil-qasam taż- żgħażaġh biex jitrawmu d-djalogu u l-koeżjoni soċjali	6
7.	Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022	6

Affarijiet oħra

Edukazzjoni

8.	a) Preżentazzjoni tar-Rapport ta' Progress dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u t-tnedija tal-Laboratorju tal-Apprendiment dwar l-Investment fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ ta' Kwalità	6
	b) Linji gwida għall-ġhalliema u l-edukaturi dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ u Linji gwida etiċi dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u tad-data fit-tagħlim u l-apprendiment għall-edukaturi	7
	c) Inizjattiva dwar it-Talenti fit-Teknoloġija Profonda u sejħa għal wegħdiet	7
	d) Id-Disa' Konferenza Ministerjali Ambjent għall-Ewropa (Nikosija, 5 - 7 ta' Ottubru 2022): Eżiti tal-laqgħa ta' livell għoli tal-Ministri għall- Edukazzjoni dwar l-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli	7
	e) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss	7

Żgħażaġħ

f)	Eżitu tad-diskussjoni li saret fil-laqgħa informali waqt il-kolazzjon tad-Djalogu tal-UE maż- Żgħażaġħ	7
g)	Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss	7

Attivitajiet mhux leġislattivi

KULTURA U AWDJOVIŻIV

9. Riżoluzzjoni dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026 8
10. Appoġġ u solidarjetà għall-kultura Ukrena, inkluż il-wirt kulturali 8

Deliberazzjonijiet leġislattivi

11. Regolament li jstabilixxi l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media 8

Attivitajiet mhux leġislattivi

SPORT

12. Konklużjonijiet dwar infrastruttura sostenibbli u aċċessibbli tal-isport 9
13. Il-kriżijiet reċenti jistgħu jservu bħala opportunità għall-iżvilupp futur tal-isport? 9

Affarijiet oħra

Kultura u Awdjoviżiv

14. a) L-Għażla ta' Liepāja bħala l-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2027 9
- b) L-istituzzjonijiet kulturali fil-kriżi tal-enerġija 9
- c) Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) tal-Kultura u l-Kreattività tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) 9
- d) L-UE bħala Mistiedna Speċjali fil-Fiera Internazzjonali tal-Ktieb ta' Guadalajara 2023 ... 10
- e) Trażmissjoni ta' stazzjonijiet ta' propaganda Russi minn fornituri ta' servizzi bis-satellita taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri tal-UE 10
- f) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss 10

Sport

- g) Laqgħa tal-WADA: Bord ta' Fondazzjoni (18 ta' Novembru 2022) 10
- h) Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem bl-assenjazzjoni ta' avvenimenti sportivi ewlenin 10
- i) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss 10

- ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill 11

LAOGHA TAT-TNEJN 28 TA' NOVEMBRU 2022

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 14996/1/22 REV 1.


2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) **Lista mhux leġislattiva** 14997/22

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 14997/22 inkluż id-dokumenti COR u REV li ġew ippreżentati għall-adozzjoni.

b) **Lista leġislattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 14998/1/22 REV 1


Suq Intern u Industrija

1. **Direttiva li temenda d-Direttiva 2013/34/UE, id-Direttiva 2004/109/KE, id-Direttiva 2006/43/KE u r-Regolament (UE) Nru 537/2014, fir-rigward tar-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà**  14833/22
PE-CONS 35/22
DRS

Adozzjoni tal-att leġislattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-23.11.2022

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikoli 50 u 114 TFUE).


2. **Regolament dwar sussidji barranin distorsivi għas-suq intern**  14648/22 + ADD 1
PE-CONS 46/22
RC

Adozzjoni tal-att leġislattiv


approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-23.11.2022

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikoli 114 u 207 TFUE). Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji


3. **Regolament dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju**  14646/22
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv PE-CONS 41/22
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-23.11.2022 EF

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

4. **Direttiva dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju**  14647/22
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv PE-CONS 42/22
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-23.11.2022 EF

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikoli 53(1) u 114 TFUE).


Telekomunikazzjoni

5. **Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha**  14828/1/22 REV 1
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv + REV 1 ADD 1
PE-CONS 32/22
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-23.11.2022 CYBER

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE). Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

EDUKAZZJONI

3. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola  13961/22
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikoli 165(4) u 166(4) TFUE) + ADD 1-2
Adozzjoni
4. Konklużjonijiet dwar l-appoġġ għall-benesseri fl-edukazzjoni diġitali 14147/22
Approvazzjoni + ADD 1-2

5. **Iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni fi żminijiet ta' aggressjoni Russa fl-Ukrajna**  14168/22
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq abbażi ta' dokument ta' diskussjoni mħejji mill-Presidenza (14168/22). Fil-kuntest tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, sar skambju ta' ideat dwar kif iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni tista' tikkontribwixxi għall-indirizzar u l-mitigazzjoni tal-impatt ta' kriżijiet bħal dawn fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ. Id-delegazzjonijiet iddiskutew ukoll dwar liema għodod jeħtieġ li jissaħħu jew jiġu introdotti biex tissaħħaħ il-kapaċità taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni li tirreaġixxi għal emerġenzi bħal dawn aktar malajr u b'mod aktar effiċjenti.

ŻGĦAŻAGĦ


6. Konklużjonijiet dwar il-promozzjoni tad-dimensjoni interġenerazzjonali fil-qasam taż-żgħażaġh biex jitrawmu d-djalogu u l-koeżjoni soċjali 13991/22
+ ADD 1-2
Approvazzjoni

7. **Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022**  14183/22
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq abbażi ta' dokument ta' diskussjoni mħejji mill-Presidenza (14183/22). Id-delegazzjonijiet qasmu l-esperjenzi tagħhom matul is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (EYY) u rriflettew dwar modi kif jista' jiġi żgurat legat għall-EYY wara l-2022.

Affarijiet oħra

8. Edukazzjoni

- a) **Preżentazzjoni tar-Rapport ta' Progress dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u t-tnedija tal-Laboratorju tal-Apprendiment dwar l-Investment fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ ta' Kwalità**  14632/22
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- b) **Linji gwida għall-għalliema u l-edukaturi dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ u Linji gwida etiċi dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali u tad-data fit-tagħlim u l-apprendiment għall-edukaturi** 14633/22
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- c) **Inizjattiva dwar it-Talenti fit-Teknoloġija Profonda u sejħa għal weġdiet** 14634/22
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- d) **Id-Disa' Konferenza Ministerjali Ambjent għall-Ewropa (Nikosija, 5 - 7 ta' Ottubru 2022): Eżiti tal-laqgħa ta' livell għoli tal-Ministri għall-Edukazzjoni dwar l-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli** 14645/22
Informazzjoni mid-delegazzjoni ta' Ċipru

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Ċiprijotta.


- e) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mid-delegazzjoni Żvediża

Żgħażaġħ

- f) Eżitu tad-diskussjoni li saret fil-laqgħa informali waqt il-kolazzjon tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ
Informazzjoni mill-Presidenza
- g) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mid-delegazzjoni Żvediża

KULTURA/AWDJOVIŻIV

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

9. Riżoluzzjoni dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026
Approvazzjoni 14436/22 + COR 1 + ADD 1-3
10. **Appoġġ u solidarjetà għall-kultura Ukrena, inkluż il-wirt kulturali**  14437/1/22 REV 1
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq, abbażi ta' nota ta' diskussjoni mħejjija mill-Presidenza (14437/1/22 REV 1). Il-Ministru għall-Kultura tal-Ukrajna, is-Sur Oleksandr TKACHENKO, ipparteċipa fid-diskussjoni; huwa pprova aġġornament dwar is-sitwazzjoni fuq il-post fl-Ukrajna u talab aktar assistenza għas-setturi kulturali u kreattivi u s-siti ta' wirt li saritilhom ħsara. Id-delegazzjonijiet qasmu informazzjoni dwar l-inizjattivi attwali u futuri tagħhom biex jgħinu lill-Ukrajna fil-qasam tal-kultura; ikkundannaw bil-qawwa l-aggressjoni kontinwa Russa u l-qerda tal-wirt kulturali; u qablu dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-Kapitali Ewropej tal-Kultura u l-bliet Ukreni.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

11. **Regolament li jstabilixxi l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media**   14440/22 + COR 1
Rapport ta' progress

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress dwar il-proposta tal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media (EMFA) mogħti mill-Presidenza (14440/22 + COR 1). Id-delegazzjonijiet laqgħu b'mod ġenerali l-oġġettivi tal-proposta tal-EMFA; faħħru lill-Presidenza għall-ħidma li saret s'issa; u enfasizzaw għadd ta' kwistjonijiet ta' sfida li ser jeħtieġu aktar diskussjoni, bħall-aspetti tas-sussidjarjetà, il-bażi legali, l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta.

SPORT

Attivitajiet mhux leġislattivi

12. Konklużjonijiet dwar infrastruttura sostenibbli u aċċessibbli tal-isport 13996/1/22 REV 1
Approvazzjoni + ADD 1-2

13. **Il-kriżijiet reċenti jistgħu jservu bħala opportunità għall-iżvilupp futur tal-isport?**  13997/22
Dibattitu ta' orjentazzjoni


Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq abbażi ta' dokument ta' diskussjoni mħejji mill-Presidenza (13997/22). Żewġ mistednin esterni introduċew id-dibattitu u sussegwentement id-delegazzjonijiet skambjaw il-fehmiet tagħhom. Id-delegazzjonijiet enfasizzaw li fil-kuntest tal-kriżijiet attwali, jenħteġu soluzzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija biex jintużaw, jiġu rinnovati jew jinbnew infrastrutturi sportivi.

Affarijiet oħra

14. Kultura/Awdjoviżiv

- a) **L-Għażla ta' Liepāja bħala l-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2027**  14570/22
Informazzjoni mid-delegazzjoni Latvjana

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Latvjana.

- b) **L-istituzzjonijiet kulturali fil-kriżi tal-enerġija**  14552/22
Informazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Ġermaniża.

- c) **Komunità ta' Konoxxenza u Innovazzjoni (KKI) tal-Kultura u l-Kreattività tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT)**  14575/22
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- d) **L-UE bħala Mistiedna Speċjali fil-Fiera Internazzjonali tal-Ktieb ta' Guadalajara 2023** 14673/22
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- e) Trażmissjoni ta' stazzjonijiet ta' propaganda Russi minn fornituri ta' servizzi bis-satellita taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri tal-UE 14573/22
Informazzjoni mid-delegazzjoni Estonjana, Latvjana, Litwana u dik Pollakka
- f) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mid-delegazzjoni Żvediża

Sport

- g) **Laqgħa tal-WADA: Bord ta' Fondazzjoni (18 ta' Novembru 2022)** 14946/22
Informazzjoni mir-rappreżentant tal-Istat Membru tal-UE tat-Triju ta' Presidenzi fil-kariga fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA

Id-delegazzjoni Żvediża infurmat lill-Kunsill dwar l-eżiti ewlenin tal-laqgħa tal-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA li saret f'Montreal fit-18 ta' Novembru 2022.

- h) **Ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem bl-assenjazzjoni ta' avvenimenti sportivi ewlenin** 14946/22
Informazzjoni mid-delegazzjoni tan-Netherlands

Id-delegazzjoni Netherlandiża esprimiet il-fehmiet tagħha fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem meta jiġu assenjati avvenimenti sportivi ewlenin (14946/22). Diversi delegazzjonijiet tkellmu biex jappoġġaw dan l-intervent.

- i) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mid-delegazzjoni Żvediża

-
- ❶ L-ewwel qari
- ❷ Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
- ❸ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 14998/1/22 REV 1

Dwar il-punt "A" **Regolament dwar sussidji barranin distorsivi għas-suq intern**
nru 2: *Adozzjoni tal-att leġislattiv*

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL U TAL-KUMMISSJONI

"L-Unjoni tibqa' impenjata lejn sistema kummerċjali multilaterali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli, b'WTO modernizzata fil-qalba tagħha, u biex tkompli ttejjeb l-effettività tal-qafas multilaterali dwar is-sussidji. Hija tirriafferma l-impenn tagħha li tappoġġa l-modernizzazzjoni tar-regoli tad-WTO biex jiġu indirizzati d-distorsjonijiet għall-kummerċ u għall-kompetizzjoni. B'mod partikolari, l-Unjoni ser timpenja ruħha fl-immodernizzar tar-regoli dwar is-sussidji industrijali biex jittejjeb il-funzjonament xieraq tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji (ASCM) u biex jiġu promossi l-konformità u l-infurzar."

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI EWROPEA DWAR KJARIFIKI FIR-RIGWARD TAL-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT ...*, SKONT L-ARTIKOLU 46 TIEGĦU

"Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tiċċara l-applikazzjoni tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament [żid in-numru tal-pubblikazzjoni għall-fajl 2021/0114(COD)] dwar l-eżistenza ta' distorsjoni kkawżata minn sussidju barrani fis-suq intern, l-applikazzjoni tat-test tal-ibbilanċjar stabbilit fl-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament, u l-valutazzjoni ta' distorsjoni fi proċedura ta' akkwist pubbliku stabbilita fl-Artikolu 27(1) ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni ser tippubblika dawn il-kjarifiki inizjali mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara d-data tal-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Il-linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 46 tar-Regolament [żid in-numru tal-pubblikazzjoni għall-fajl 2021/0114(COD)] jistgħu jissostitwixxu dawn il-kjarifiki inizjali."

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI EWROPEA DWAR REGOLI MULTILATERALI BIEX JIĠU INDIRIZZATI S-SUSSIDJI BARRANIN DISTORSIVI META JIĠI ADOTTAT IR-REGOLAMENT*

"Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea laħqu ftehim dwar ir-Regolament dwar sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq intern¹. Dan ir-Regolament jikkumplementa d-dixxiplini Ewropej u internazzjonali eżistenti dwar is-sussidji u l-kontroll tas-sussidji. Huwa jitratta d-distorsjonijiet ikkawżati minn sussidji barranin fis-suq intern tal-Unjoni.

Is-sussidji jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kummerċ internazzjonali u jistgħu jwasslu għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni kemm fis-setturi tradizzjonali kif ukoll fit-teknoloġiji l-ġodda. F'xi każijiet, is-sussidji mhux ikkontrollati jistgħu jirriżultaw ukoll f'kapaċitajiet eċċessivi, għad-detriment ta' dinamika tas-suq b'saħħitha. L-UE teħtieġ li tkompli tikseb il-benefiċċji tal-opportunitajiet internazzjonali filwaqt li tiżviluppa għodod biex tindirizza Prattiki kummerċjali inġusti, kemm internament kif ukoll esternament². Dan ir-Regolament għandu jikkontribwixxi għat-titjib tar-reżiljenza tas-suq intern tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tiegħu kontra distorsjonijiet ikkawżati minn sussidji barranin. B'dan il-mod, l-Unjoni tikkomplementa s-sett ta' għodod tagħha bil-ħsieb li jinkisbu l-oġettivi tal-awtonomija strateġika miftuħa tal-Unjoni.

Bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-impatti negattivi tas-sussidji, u filwaqt li jiġi rikonoxxut li r-regoli tad-WTO jistgħu ma jkunux effettivi biżżejjed fl-indirizzar tal-effetti konsegwenzjali negattivi tal-intervent mill-Istat fl-ekonomija, inkluż għal ċerti setturi industrijali, il-Kummissjoni Ewropea tibqa' impenjata li tkompli ssaħħa l-effettività tal-qafas multilaterali dwar is-sussidji, u hija determinata li tinsisti bil-qawwa għal qafas legali li jkun mgħammar sew biex jindirizza d-distorsjonijiet għall-kummerċ u għall-kompetizzjoni u għal kundizzjonijiet ekwi³. B'mod partikolari, il-Kummissjoni hija impenjata għall-immodernizzar tar-regoli dwar is-sussidji industrijali biex jittejjeb il-funzjonament xieraq tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Sussidji u l-Miżuri Kumpensatorji (ASCM) u tiġi promossa l-konformità miegħu. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea tfakkar fil-kooperazzjoni trilaterali kontinwa tagħha mal-Ġappun u l-Istati Uniti.

¹ Il-Kummissjoni Ewropea, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq intern, COM(2021)0223.

² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Rieżami tal-Politika Kummerċjali – Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva tat-18 ta' Frar 2021, COM(2021)0066.

³ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Rieżami tal-Politika Kummerċjali – Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva tat-18 ta' Frar 2021, COM(2021)0066.

Ir-regoli dwar is-sussidji huma stabbiliti b'mod partikolari fl-ASCM, li jistabbilixxi projbizzjonijiet ta' ċerti sussidji u azzjonijiet kontra l-effetti negattivi tas-sussidji fil-kuntest tal-kummerċ tal-merkanzija. Fir-rigward tal-Unjoni, dawn ir-regoli huma, sa fejn huma relatati mas-sussidjar kumpensatorju, implimentati bir-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea⁴. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/1037 huwa ddeterminat mill-kamp ta' applikazzjoni tal-ASCM.

Ir-Regolament dwar is-sussidji barranin li jfjixklu s-suq intern huwa konformi mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, inkluż b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mill-ASCM. Il-Kummissjoni Ewropea ser tiżgura li kwalunkwe azzjoni meħuda fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun konsistenti mal-obbligi internazzjonali tagħha.

Il-Kummissjoni biħsiebha tagħmel użu sħiħ minn dan ir-Regolament il-ġdid biex tindirizza d-distorsjonijiet ikkawżati minn sussidji barranin fis-suq intern."

Dwar il-punt "A" **Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar**
nru 5: **l-Unjoni kollha**
 Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA

"Ir-Repubblika tal-Kroazja tixtieq tesprimi l-appoġġ tagħha għall-adozzjoni tad-Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni (Direttiva NIS 2).

Madankollu, ir-Repubblika tal-Kroazja tixtieq ittenni l-iskontentizza tagħha bil-verżjoni lingwistika Kroata attwali tad-Direttiva, jiġifieri bl-ekwivalenti Kroat tat-terminu Inġliż "cyber" u d-derivattivi tiegħu fil-lingwa Kroata⁵, kwistjoni li qajjimna kontinwament fuq diversi livelli fil-Kunsill matul dawn l-aħħar snin.

Ir-Repubblika tal-Kroazja tinsab imħassba serjament li l-verżjoni attwali Kroata tad-Direttiva tista' twassal għal inċertezza legali. Dan għaliex il-verżjoni attwali Kroata tad-Direttiva tuża terminoloġija li ma teżistix fil-leġiżlazzjoni Kroata dwar iċ-ċibernetika u fl-użu professjonali, u b'hekk toħloq konfużjoni u ddgħajjef iċ-ċertezza legali, il-koerenza u ċ-ċarezza.

Ir-Repubblika tal-Kroazja ttenni l-pożizzjoni tagħha li t-terminoloġija użata mill-istituzzjonijiet tal-UE għandha tkun allinjata mat-terminoloġija legali nazzjonali diġà eżistenti biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali.

Ir-Repubblika tal-Kroazja tibqa' impenjata li tippromwovi ċiberspazju miftuħ, liberu, stabbli u sigur u tkompli tappoġġa l-adozzjoni tad-Direttiva NIS 2."

⁴ Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55).

⁵ L-ekwivalenti użat fil-leġiżlazzjoni Kroata huwa "kibernetički" filwaqt li t-terminu użat fid-Direttiva NIS 2 huwa "kiber-".